# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. MHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D. LL.M. (IMLI)
**Seduta ta' Nhar it-Tnejn 9 ta' Ottubru 2017**

**Rikors Numru: 744/2013 JPG**

**Kawza Numru: 25**

**Blye Engineering Co. Ltd. (C8256)**

**VS**

**WasteServ Malta Ltd. (C30560)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ta' Blye Engineering Co. Ltd., datat 2 ta' Awissu 2013, vide fol 1 et seq, li jaqra hekk;

1. *Illi kif jirrizulta mill-"Letter of Acceptance" tas-26 ta' Mejju 2008 (Dok.A) is-socjeta' konvenuta accettat l-offerta tal-esponenti sabiex tigi fornita, installata u kkommissjonata "cold room" fit-"Thermal Treatment Facility" taghha fil-Marsa, u dan bil-prezz miftiehem ta' tlieta u erbghin elf u mija u hamsin ewro (€43,150) skond il-fattura (Dok.B);*

2. *Illi wara li tlestiet u giet ikkommissjonata l-imsemmija "cold room", is-socjeta' konvenuta fid-29 ta' Jannar 2009 hallset akkont is-somma ta' hamsa u ghoxrin elf, tmien mija u disghin ewro (€25,890) kollox kif jirrizulta mill-istatements of account hawn esibiti (Dok.C u D);*

3. *Illi madankollu, kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza, minkejja d-diversi interpellazzjonijiet ghall-hlas da parti tal-esponenti u weghdiet anki bil-miktub da parti tas-socjeta' konvenuta, l-bilanc dovut ta' sbatax il-elf, mitejn u sittin ewro (€17.260) baqa' sallum ma thallasx;*

4. *Ghaldaqstant l-esponenti titlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma bilancjali fuq riferit ta' sbatax il-elf, mitejn u sittin ewro (€17,260), bl-imghax kummercjali mid-data tal-fattura sal-hlas effettiv u bl-ispejjes kollha kontra l-istess socjeta' konvenuta.*

Rat illi l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u l-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi,

Rat ir-Risposta Guramentata ta' Wasteserv Malta Limited (C30560), datata 26 ta' Awissu 2013, vide fol 11 et seq, li taqra hekk:

1. *Illi mhuwiex kontestat li s-socjeta esponenti tat appalt lis-socjeta attrici sabiex din tforni cold room u dan hekk kif premess fir-rikors;*

2. *Illi madankollu l-cold room fornut mis-socjeta attrici ma kienx tal-kwalita pattwita u ma lahaqx l-istandards mitluba mis-socjeta esponenti;*

3. *Illi l-apparat installat mill-attrici ma giex certifikat mill-esperti tal-esponenti kif se jirrizulta ahjar fil-mori tal-kawza u kwindi ma jiskattawx l-obbligi tal-hlas;*

4. *Illi fi kwalunkwe kaz, illum ghadda hafna zmien minn meta x-xoghol sar u l-azzjoni attrici hi preskritta.*

*Tant dikjarat, l-esponenti teccepixxi dan li gej:*

1. *Preliminarjament, illi l-azzjoni attrici hi nulla stante li r-rikors guramentat ma giex redatt kif irid l-Art. 156 tal-Kap. 12 u senjatament billi (i) ma giex postulat bhala rikors guramentat izda sempliciment bhala rikors minkejja li quddiem il-Qrati superjuri l-mod li bih wiehed imexxi kawza hu proprju b'rikors guramentat fil-waqt li r-rikors hi l-procedura li biha wiehed imexxi fil-qrati inferjuri; (ii) Raymond Mallia ma ddikjarax li jaf il-fatti personalment; (iii) ma nghatax raguni tat-talba; (iv) it-talba ma gietx numerata kif imiss u separatament mill-fatti;*

2. *Subordinatament, u minghajr pregudizzju ghall-premess, illi l-azzjoni attrici hija preskritta ai termini tal-Art. 2148(a) tal-Kap. 16 (u cjoe bil-preskrizzjoni tat-tmintax-il xahar);*

3. *Subordinatament, u minghajr pregudizzju ghall-premess, illi l-cold room fornuta mis-socjeta attrici mhijiex tal-kwalita pattwita, ma lahqetx l-istandards mitluba, ma gietx certifikata u ghalhekk it-talba tas-socjeta attrici mhijiex misthoqqa;*

4. *Subordinatament, u minghajr pregudizzju ghall-premess, illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez;*

5. *Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.*

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat ir-rikors konguttiv tal-24 ta' Marzu, 2015 u d-digriet taghha tal-25 ta' Marzu, 2015, fejn l-avukati difensuri tal-partijiet qablu biex jigi nominat l-Inginier Johan A. Psaila, u l-Qorti ordnat in-notifika tal-itess Perit Tekniku;

Rat ir-Relazzjoni tal-Perit Tekniku Ing. Johan A. Psaila, a fol 88 et seq;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

**Ikkonsidrat;**

**Clayton Azzopardi** a fol 56A *et seq* xehed illi huwa jokkupa l-kariga ta' *Chief Financial Controller* mas-socjeta ntimata u dan minn April 2010. Qal illi ghalkemm hu ma kienx involut direttament fin-negozju li ta lok ghal dawn il-proceduri, mill-*file* jirrizulta illi kien hareg appalt fl-2008 ghall-installazzjoni ta' *cold room* fil-Marsa, u kienu saru x-xogholijiet bejn l-2008 u l-2009. Xehed illi jirrizulta illi mis-somma ta' tlieta u erbghin elf, mijja u hamsin Ewro (€43,150) dovuta, kien thallas l-ammont ta' hamsa u ghoxrin elf Ewro (€25,000) fis-27 ta' Lulju 2009, izda ghad fadal bilanc pendenti ta' sbatax il-elf Ewro (€17,000).

**In kontro-ezami** a fol 56B *et seq* xehed illi l-fattura harget f'Lulju tal-2008 u f'temp ta' sitt xhur kien diga thallas l-ammont ta' hamsa u ghoxrin elf Ewro €25,000. Mistoqsi jekk is-socjeta ntimata inghatatx bizzejjed zmien biex thaddem il-*cold room* wiegeb illi skont il-korrispondenza mic-*Chief Operations Officer* tad-19 ta' Dicembru 2008 jirrizulta illi l-fattura ma kellhiex tigi mhallsa sakemm isiru xi verifiki. Zied illi l-pagament ta' hamsa u ghoxrin elf Ewro €25,000 kien approvah l-Inginier M'Grace Micallef.

**Raymond Mallia** xehed a fol 56F *et seq* illi huwa *Managing Director* mas-socjeta rikorrenti, u kkonferma l-kontenut tal-*emails* immarkati bhala Dok X1 sa Dok X6. Spjega illi l-problem kienet wahda teknika ghaliex min rrediga l-appalt kellu skop li kien differenti mill-iskop li ghaliha kienet intiza din il-*cold room.* Qal illi l-iskop originali kien li jibidel parti mir-refrigerazzjoni tal-*cold room* ezistenti, izda fl-ahhar laqgha li saret, l-Inginier Scicluna li kien rrediga l-appalt, qal illi kollox kien qieghed sew izda l-apparat ma kienx tajjeb ghal uzu li riedu huma. Dan ghaliex suppost il-karkassi l-ewwel jiddahhlu go *blast freezer* biex jikshu imbaghad jitpoggew fil-*fridge*, izda s-socjeta ntimata ma kellhiex *blast freezer* u kienet idahhal il-karkassi fil-*cold room* mill-ewwel. Xehed illi s-socjeta ntimata qatt ma lmentat illi l-*cold room* m'hijiex tajba, izda sosniet biss illi m'hijiex tajba ghall-uzu taghhom. Xehed ili biex il-*cold room* tkun idoneja ghall-iskop li trid is-socjeta ntimata, u cioe biex ma jkunx hemm bzonn ta' *blast freezer,* **trid tkun hames jew sitt darbiet aktar potenti.**

Prodott quddiem il-Perit Tekniku, Mallia xehed illi s-socjeta ntimata kienet harget sejha ghall-kwotazzjoni ghal *refurbishment* ta' *cold room* fil-biccerija tal-Marsa, fejn kien rikjest

li jinbidel il-kompressur flimkien mal-*condenser* u l-*control panel* u xi xogholijiet ohra ta' tibdil ta' lampi u tiswijiet ohra fuq l-insulazzjoni tal-kamra. Qal illi l-ispecifikazzjonijiet tas-sejha ghall-kwotazzjoni kien ghamilhom l-Inginer Joseph Scicluna, li kien iltaqghu mieghu fuq is-sit u kien ra illi l-*cold room* kien qed tahdem tajjeb u t-temperatura kienet qed tinzel ghal *minus 18 degrees Celcius* kif kien mitlub. Qal ukoll illi dakinhar l-Inginer Scicluna kien talab illi isir *main switch* separat, liema switch kellu jsir mill-ammont indikat fis-sejha ghall-kwotazzjoni, li kien jammonta ghal €1,500. Dan ix-xoghol filfatt sar.

Spjega illi peress illi l-karkassi kienu jidahhlu meta jkunu ghadhom shan, il-*cold room* ma kienetx qed izomm it-temperatura, u ghalhekk huwa kien pprova jispjega lil Inginier Mary Grace Micallef illi l-*cold room* m'hijiex maghmula biex idahhal fiha xoghol shun, ghaliex dan ghandu jitkessah fi *blast freezer.* Minkejja li filfatt kien hemm *blast freezer* ma genb il-*cold room,* **din ma kienetx tahdem**. Kompla illi s-socjeta ntimata kienet ghamlet pagament ta' €25,000 f'Jannar 2009, u cioe wara li kienet ilha tuza l-*cold room* xi tmien xhur. Xehed illi kienu saru jafu li s-socjeta ntimata ma kienetx lesta li thallas il-bilanc dovut permezz ta' email datat 2 ta Mejju 2004, u **cioe hames snin wara li sar ix-xoghol.**

**In kontro-ezami** a fol 56H *et seq* kkonferma illi kien ra d-dokument tal-appalt u kien hadem fuqu. Ikkonferma wkoll illi skont id-dokument tal-appalt, it-temperatura interna tal-*cold room* kellha dejjem tkun *minus 18 degrees Celcius*, u li l-*cold room* fornita tilhaq dan ir-rekwizit minghajr problemi. Qal illi l-problema kienet li meta jidahhlu hamsin (50) jew mitt (100) tunnellata karkassi shan, il-*cold room* ma tistghax izomm dik it-temperatura. Ikkonferma wkoll li matul dan iz-zmien, qatt ma gie prezentat xi att gudizzjarju mis-socjeta rikorrenti, ghaliex kienet qed tipprova tilhaq ftehim mas-socjeta ntimata.

**L-Inginier Alfred Scicluna** xehed illi kien hu li kien ipprepara d-dokument tal-appalt, liema appalt kien inghata lis-socjeta rikorrenti. Qal illi l-ispecifikazzjonijiet kien harighom hu, u **l-appalt kien jinvolvi l-bdil tal-kompressur, il-*condenser,* il-*pipework* kollu u kellhom jittrangaw xi lampi u pannelli.** Xehed illi l-hsieb qatt ma kien li l-*cold room* tinzel *minus 18 degrees celcius* meta tkun mimlija kollha, izda biss li zzomm il-karkassi f'temperatura li ma jintnux; lanqas kien li l-*cold room* timtela kollha sakemm l-karkassi jinhargu biex jinharqu fl-incineratur. Izda meta kien spjega dan lill-Inginier Micallef, hija baqghet tinsisti li t-teperatura kellha tinzel *minus 18 degrees celcius*. Xehed ukoll illi meta l-*cold room* giet *commissioned,* u kienet vojta, t-temperatura kienet nizlet ghal *minus 18*

*degrees celcius.* Qal illi fil-biccerija kien hemm *blast freezer* izda ghalkemm suppost il-karkassi kellhom jiddahhlu fih qabel ma jitpoggew fil-*cold room,* dan effettivament ma kienx jsir ghaliex il-*blast freezer* kienet abbandunata. **Kompla illi l-materjal li gie supplit mis-socjeta rikorrenti kien skont l-ispecifikazzjonijie tal-appalt.** Xehed illi fl-opinjoni tieghu, il-*cold room* ma kienetx zomm it-tempratura rikjesta **ghaliex kienet timtela hafna f'qasir zmien.**

**In kontro-ezami** ikkonferma dak li qal in ezami.

**Victor Cassar** xehed illi huwa Direttur Tekniku mas-socjeta rikorrenti u kien involut f'din il-kwistjoni mill-bidu nett, fejn kellhom jibdlu kompressur, il-*pipework, condenser* u l-*wiring* tas-sistema. Qal li kien ikun dejjem fuq is-sit waqt li kien qed isir ix-xoghol. Xehed illi l-*cold room* kienet tahdem tajjeb u tinzel sa *minus 18 degrees Celcius* meta tkun vojta jew bi ftit xoghol, izda ra wkoll tinzel biss sa *minus 12 degrees Celcius* minhabba l-fatt li l-karkassi jkunu shan ghaliex kienu jkunu barra fix-xemx. Mistoqsi x'kien l-uzu ta' din il-kamra, xehed illi din suppost kienet tigi uzata ghall-hazna ta' karkassi u mhux bhala *blast freezer* li jintuza biex ikessah il-karkassi f'qasir zmien qabel ma jinhaznu fil-*cold room.*

**In kontro-ezami** xehed illi l-Inginier M'Grace Micallef kienet rat illi t-temperatura kienet nizlet ghal *minus 18 degrees Celcius*, u kien hemm ukoll xi persuna ohra ghalkemm ma jiftkarx l-isem. Qal li l-istess persuni kienu wkoll prezenti meta t-temperatura kienet nizlet *minus 12 degrees Celcius*.

**Veronica Farrugia** xehdet illi tahdem bhala *Credit Controller* mal-BES u kkonfermat illi l-bilanc dovut lis-socjeta rikorrenti huwa ta' sbatax il-elf u mitejn u sittin ewro (€17,260), wara li s-socjeta ntimata kienet ghamlet pagament ta' hamsa u ghoxrin elf u tminn mijja u disghin ewro (€25,890).

**L-Inginier Mary Grace Micallef** xehdet illi fiz-zmien meta saret il-*cold room,* hija kienet *Facilities Manager* mas-socjeta ntimata, u l-*cold room* kienet saret ghaliex Dr. Gruppetta u Paul Fenech Gonzi li kienu jmexxu l-Biccerija, kienu qablu li kellu jsir uzu mill-*cold room* li kien hemm, izda li ma kienetx tintuza peress li ma kienetx fi stat tajjeb. Spjegat illi ghalhekk is-socjeta ntimata kienet inkarigat lil Scicluna & Associates biex jezaminaw il-*cold room* u jissugerixxu x'tibdil necessarju, w imbaghad kienu regghu gew inkarigati

mis-socjeta ntimata biex johorgu l-appalt li kien intrebah mis-socjeta rikorrenti li kienet ghamlet l-unika offerta.

Xehdet li meta bdew ihaddmu l-*cold room* din ma kienitx qed tilhaq *minus 18 degrees Celcius*, u kienet tieqaf ta' spiss u kienet dejjem tkun *positive,* tant illi fl-ahhar, il-Biccerija kienu waqqfuhom ghaliex kienet ta' dannu ghalihom. Spjegat illi meta kienu jippruvaw il-*cold room* kienet tittripja, u cioe kien jintefa' l-kompressur, u hafna drabi kien ikun nieqes il-gass u ghalhekk kien ikollhom icemplu lit-*technician* biex isewwiha, fejn imbaghad kienet tahdem ghal ftit u terga tibda tittripja. Qalet li kellhom diversi laqghat mar-rapprezentanti tas-socjeta ntimata, ghalkemm hi kienet prezenti ghal wahda biss. Kompliet illi fl-opinjoni taghha, l-problema hi li l-kompressur li gie installat kien zghir wisq ghad-daqs tal-*cold room,* ghat-tip ta' materjal li kien jitpogga fiha u ghat-temperatura li s-socjeta ntimata riedet li tilhaq. Xehdet li l-materjal li kien jitpogga fil-*cold room* kien ikun shun spcecjalment meta kien ikun qed jiddekomponi.

**Ikkonsidrat;**

Permezz tal-ewwel eccezzjoni taghha, s-socjeta ntimata eccepiet illi r-rikors promotur tas-socjeta rikorrenti huwa null ghaliex "*ma giex redatt kif irid l-Art. 156 tal-Kap. 12 u senjatament billi (i) ma giex postulat bhala rikors guramentat izda sempliciment bhala rikors minkejja li quddiem il-Qrati superjuri l-mod li bih wiehed imexxi kawza hu proprju b'rikors guramentat fil-waqt li r-rikors hi l-procedura li biha wiehed imexxi fil-qrati inferjuri; (ii) Raymond Mallia ma ddikjarax li jaf il-fatti personalment; (iii) ma nghatax raguni tat-talba; (iv) it-talba ma gietx numerata kif imiss u separatament mill-fatti;"*

Din il-Qorti tibda l-ewwel nett billi tirrileva illi hija gurisprudenza kostanti tal-Qrati taghna, li bdiet tevolvi minn qabel dan is-seklu, illi l-formalizmu eccessiv ghandu jigi evitat, u l-atti gudizzjarji ghandhom, kemm jista' jkun, jigu salvati.[1] Kif inghad fis-sentenza fl-ismijiet **Salvatore Tonna vs Carmelo Chetcuti et,** deciza mill-Qorti tal-Appell Kummercjali fis-16 ta' Novembru 1934:

[1] Vide per ezempju **Xuereb utrinque,** Qorti tal-Kummerc deciza 2 ta' Jannar 1883; **Salvatore Bilocca vs Salvatore Schembri,** Qorti tal-Appell deciz 11 ta' Ottubru 1920; **Carmelo Bonavia vs Alfred Denicola et,** Qorti tal-Appell Kummercjali deciz 20 ta' Gunju 1930.

> ***"…l-ligi u l-qorti aktar mil-legalizmu u formalizmu thares lejn dak li hu skond il-haqq u s-sewwa, lejn il-gustizzja sostanzjali, xi drabi wkoll, fejn jinhtieg, moderata mill-principju ta' l-ekwita`, li wisq tajjeb giet imfissra bhala 'la giustizia del dato caso'."***

Fis-sentenza fl-ismijiet **U.C.I.M Company Limited vs Nathan Martin** deciza minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-17 ta' Jannar 2001:

> "…***in-nullita' ta' att gudizzjarju, biex tirnexxi, trid taqa' taht il-parametri precizi ta' dak li jipprovdi l-artikolu 789 (1) tal-Kap 12.***

L-Artikolu 789 (1) (c) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi illi:

> **"[l]-*eċċezzjoni ta' nullità tal-atti ġudizzjarji tista' tingħata –***
>
> ***Jekk fl-att ikun hemm vjolazzjoni tal-forma meħtieġa mil-liġi, ukoll jekk mhux taħt piena ta' nullità, kemm-il darba dik il-vjolazzjoni tkun ġiebet, lill-parti li titlob in-nullità, preġudizzju illi ma jistax jissewwa xort'oħra ħlief billi l-att jiġi annullat*;"**

Ghahekk, skont din id-disposizzjoni tal-ligi, sabiex att gudizzjarju jigi dikjarat null, ma tridx biss tirrizulta l-vjolazzjoni tal-forma mehtiega mil-ligi, izda jrid jirrizulta illi minhabba din il-vjolazzjoni, s-socjeta ntimata sofriet pregudizzju li ma jistax jisewwa b'mod iehor hlief bl-annullament tar-rikors promotur.

Is-socjeta ntimata qed tibbaza din l-eccezzjoni taghha in parti fuq il-fatt illi skont hi, r-rikors promotur ma giex redatt bhala rikors guramentat. **Dan pero assolutament ma jirrizultax mill-fatti ghaliex kif jidher mit-timbru fuq ir-rikors promotur, Raymond Mallia deher personalment u halef il-korrettezza tal-kontenut tar-rikors.** Ghalhekk din il-parti tal-ewwel eccezzjoni **hija nfondata u qed tigi michuda.**

Fir-rigward ta' dik il-parti tal-eccezzjoni li tirreferri ghan-nuqqas da parti ta' Raymond Mallia, li jiddikjara li jaf bil-fatti tal-kawza personament, l-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza moghtija minn din il-Qorti diversament presjeduta u kkonfermata mill-Qorti tal-

Appell fit-13 ta' April 2007 fl-ismijiet **John Formosa et vs Dr. Georg Sapiano et** fejn intqal illi:

> **"[f]*ir-rigward tat-tielet eccezzjoni fil-waqt li hu minnu li fid-dikjarazzjoni tieghu l-attur John Formosa ma ddikjarax li jaf il-fatti personalment il-Qorti ma thossx lanqas li ghandha twaqqa' l-kawza fuq daqshekk ghaliex fl-istess dikjarazzjoni wiehed isib taht il-firma tad-deputat registratur illi l-istess Formosa halef il-korrettezza ta' din id-dikjarazzjoni wara li qrajtulu*."**

Il-Qorti taqbel ma' dan ir-ragunament li huwa konferma u applikazzjoni tal-principju illi m'ghandux jigi applikat formalizmu rigoruz u li l-atti gudizzjarji, sa fejn jista' jkun, ghandhom jigu salvati. Barra minn hekk, il-Qorti tirrileva illi s-socjeta ntimata bl-ebda mod ma provat li dan in-nuqqas ikkawzalha xi pregudizzju li jirrkjedi li r-rikors promotur jigi annulat sabiex jissewwa. Anzi lanqas biss spjegat kif dan in-nuqqas ikkawzalha pregudizzju u ghafejn, wisq anqas tat raguni valida sabiex ir-rikors promotur tas-socjeta rikorrenti jigi dikjarat null fuq din il-bazi.

Is-socjeta ntimata bbazat l-ewwel eccezzjoni taghha wkoll fuq il-fatt illi, skont hi, s-socjeta rikorrenti ma tatx raguni tat-talba, u ghaliex it-talba ma gietx enumarata separatament. Ghalkemm huwa minnu illi s-socjeta rikorrenti ma tatx raguni separata ghat-talba taghha, mir-rikors promotur jirrizulta car, senjatament mill-paragrafu numru tlieta, illi r-raguni tat-talba rikorrenti hija illi allegatament is-socjeta ntimata baqghat inadempjenti fil-hlas ta' bilanc dovut minnha, u dan minkejja interpellazzjonijiet sabiex tersaq ghall-hlas tal-bilanc dovut. Rigward it-talba, din tinsab f'paragrafu wiehed li huwa nnumerat, liema paragrafu jikkontjeni diversi talbiet. Il-Qorti tirrileva illi dak rikjest mill-ligi[2] strettament huwa li t-talbiet ikunu enumerati. Kif intqal aktar il-uq, sabiex eccezzjoni bbazata fuq l-artikolu 789 (1) (c) Kap 12 tirnexxi, s-socjeta ntimata riedet tipprova illi dawn in-nuqqasijiet ikkawzalha pregudizzju irrimedjabbli. Il-Qorti tqis illi ma jirizultax li sehh tali pregudizzju, tant li filfatt is-socjeta ntimata stess lanqas biss allegat illi soffriet **xi** pregudizzju fid-difiza taghha minhabba dawn in-nuqqasijiet. Il-Qorti tqis illi r-rikors promotur tas-socjeta rikorrenti huwa car bizzejjed sabiex is-socjeta ntimata tkun

[2] Vide Art 156(1)(C) tal-Kap 12

f'posizzjoni biex tipprezenta d-difiza taghha, tant li filfatt lanqas kien hemm bzonn li tipprezenta xi eccezzjonijiet ulterjuri fil-mori tal-kawza.

Ghal dawn ir-ragunijiet, l-ewwel eccezzjoni qed tigi michuda.

**Ikkonsidrat;**

Permezz tat-tieni eccezzjoni taghha s-socjeta ntimata eccepiet il-preskrizzjoni ai termini tal-Artikolu 2148(a) tal-Kodici Civili. Dan l-artikolu jipprovdi illi:

> "**[l]**-***azzjonijiet hawn taħt imsemmija jaqgħu bi preskrizzjoni bl-egħluq ta' tmintax-il xahar:***
>
> ***(a) l-azzjonijiet tal-ħajjata, skrapar, mastrudaxxi, bennejja, bajjada, ħaddieda, arġentieri, arluġġara u ta'persuni oħra li jaħdmu sengħa jew arti mekkanika, għall-prezz tal-opri jew tax-xogħlijiet tagħhom, jew tal-materjal li jfornu;***"

Fis-sentenza fl-ismijiet **Transmec Services Limited vs Joseph Mallia Bonello** deciza minn din il-Qorti diversament presjeduta fid-9 ta' Novembru 2007, intqal illi l-preskrizzjoni ai termini tal-Artikolu 2148 (a):

> '***....tolqot l-azzjonijiet ta' l-artiġjana...Is-soċjetà attriċi, għax hija soċjetà kummerċjali u tispekula fuq il-prezz tax-xogħol u tal-materja, ma tistax titqies artiġjan, u għalhekk il-preskrizzjoni taħt l-art. 2148(a) ma tolqothiex.***'
>
> Vide wkoll **Bezzina vs Said** deciza mill-Qorti tal-Kummerc fl-4 ta' Marzu 1959 u **Raymond Mallia noe vs Louis Busuttil noe** deciza minn din il-Qort diversament presjedua fit-12 ta' Ottubru 1995.

Il-Qorti tqis illi dan l-artikolu m'huwiex applikabbli fil-kawza odjerna ghaliex is-socjeta rikorrenti m'hijiex artigjana, u x-xoghol meritu tal-kawza in ezami mhuwiex ta' natura artigjan, izda xoghol ta' natura teknika.

Ghalhekk din l-eccezzjoni qieghda wkoll tigi michuda.

**Ikkonsidrat;**

Fil-meritu, s-socjeta ntimata ma kkontestatx illi l-bilanc pendenti reklamat mis-socjeta rikorrenti ghadu ma thallasx minnha, izda tecceppixxi illi l-*cold room* fornuta mis-socjeta rikorrenti m'hijiex tal-kwalita pattwita, ghaliex ma lahqitx l-i*standards* mitluba, ma gietx certifikata u ghalhekk it-talba tas-socjeta rikorrenti m'hijiex misthoqqa.

Jirrizulta illi s-socjeta ntimata kienet harget appalt li kien intrebah mis-socjeta rikorrenti, sabiex isiru xi xogholijiet fil-*cold room,* li kienet ser tkun intiza ghal hazna ta' karkassi qabel ma' dawn jinharqu fl-incineratur. Din il-*cold room* kienet giet ezaminat mill-Inginier Scicluna, inkarigat mis-socjeta ntimata stess, u **kien l-istess Inginier Scicluna li hareg l-ispecifikazzjoni ta' dan it-*tender*.**

Sabiex jigi ezaminat il-meritu xjentifiku ta' din il-kawza, inhatar l-Inginier Johan Psaila li ghamel is-segwenti determinazzjoni:

> "*Minn kalkoli li ghamilt nikkonkludi li qawwa tal-kompressur rikjest fid-dokument tat-'Tender' huwa zghir wisq biex ilahhaq it-temperatura mehtiega ta' -18°C meta jkun hemm ammont kbir ta' karkassi.*
>
> *Meta wiehed iqis ammont ta' 40 'skip' bi stima ta' piz, ta' bejn wiehed u iehor ta' 500 kilo kull 'skip', il-qawwa tal-kompressur mehtieg biex tintlahaq temperature ta' -18°C fi 8 sieghat meta l-karkassi jkunu b'temperatura ta' 35°C, hija ta' 330HP, jigifieri hames darbiet aktar ta' dak rikjest fid-dokument tat-'Tender'.*
>
> *Ghalhekk nikkonkludi illi t-temperatura ta' -18°C ma' kinetx tintlahaq, mhux ghax il-makkinarju li ssuplixxew Blye Engineering Co. Ltd. kien difettuz imma ghax il-qawwa tal-kompressur rikjest ma' huwiex bizzejjed ghall-mod ta' kif kienet qeghda tintuza l-'Cold Room'.*

> *Minn naha l-ohra Blye Engineering Co. Ltd. qatt ma' kellhom l-inkarigu li jivverifikaw il-qawwa tal-kompressur rikjest ghax il-qawwa kienet mitluba fid-dokument u ma' kienx specifikat u lanqas ma kien hemm dettalji tal-piz u tat-temperaturi tal-karkassi li ser jidhlu fil-'Cold Room'.*"

Huwa principju kostantament abbracjat fil-gurisprudenza tal-Qrati Maltin illi r-rapport ta' Perit Tekniku ma jigix facilment skarat. Kif jinghad fis-sentenza fl-ismijiet **Mark Farrugia et vs Michael Arthur Williams et noe** deciza minn din il-Qorti diversament presjeduta fit-28 ta' Jannar 2005:

> "*...f' materja ta' valur ta' prova dwar ir-rapport tekniku l-insenjament gurisprudenzjali huwa fis-sens li, ghalkemm ir-rapport tekniku huwa kontrollabbli mill-gudikant bhal kull prova ohra u l-Qorti mhix tenuta li taccetta l-konkluzzjonijiet peritali kontra l-konvinzjoni taghha,* ***il-giudizzio dell'arte kif espress mill-perit tekniku m'ghandhux jigi skartat sakemm ma jkunx jidher sodisfacentement illi l-konkluzzjonijiet peritali huma, fil-kompless kollu tac-cirkostanzi rragjonevoli. Il-Qorti m' ghandhiex tiskarta il-konkluzzjonijiet tal-espert, specjalment fuq materja purament teknika, b' mod legger jew kappricciuz. Il-konvizjoni kuntrarja taghha ghandha tkun "informata u bbazata fuq ragunijiet li gravament ipoggu fid-dubju dik l-opinjoni teknika"*** *[App.C.Giswarda Bugeja vs Emanuele Muscat [1967] Vol.LI.I.390; u App.C. Philip Grima vs Carmelo Mamo – 29 Mejju 1998]. Multo magis meta, bhala fil-kaz prezenti, fl-assenza ta' rapport ta' perizji perizjuri li jghid il-kuntrarju, jew idghajjef il-konkluzzjonijiet tal-perit tekniku.*"

Fuq l-istess linja ta' hsieb, fis-sentenza fl-ismijiet **Perit Arkitett u Inginier Civili Frank Giordemaina Medici noe vs Pio Camilleri** deciza minn din il-Qorti diversament presjeduta fit-30 ta' Ottubru 2003 intqal illi:

> "*...f'materja ta' perizja teknika japplika l-principju li "****sakemm ma jigux indikati oggezzjonijiet gravi u serji ta' piz li jinducuha li tissostitwixxi l-gudizzju taghha ghal dak tekniku, dan ma taghmlux****" - "Dingli Estates & Co. vs Mangion", deciza minn din il-Qorti fit-30 ta' Mejju, 2002.*"

Bl-istess mod, fis-sentenza fl-ismijiet **Joseph Schembri vs Emanuel Caruana** deciza minn din il-Qorti diversament presjeduta fid-9 ta' Ottubru 2003 gie rrilevat illi:

> "*...**l-opinjoni teknika m'ghandhiex facilment tigi skartata mill-Qorti** (ara " Calleja vs Mifsud", deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fid-19 ta' Novembru, 2001), u, kif qalet din il-Qorti fil-kawza "Borg vs Falzon", deciza fil-31 ta' Jannar, 2003, **"konvinzjoni kuntrarja kellha tkun ben informata u bazata fuq ragunijiet li gravament ipoggu fid-dubbju dik l-opinjoni teknika lilha sottomessa b'ragunijiet li m'ghandhomx ikunu privi mill-konsiderazzjoni ta' l-aspett tekniku tal-materja taht ezami"** (ara, fl-istess sens, is-sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawza "Saliba vs Farrugia", deciza fit-28 ta' Jannar, 2000).*"

Fis-sentenza fl-ismijiet **Emanuel Grech vs Carmelo sive Charles Farrugia et** deciza mill-Qorti tal-Appell fis-7 ta' dicembru 1994 gie irrilevat illi:

> "[i]*l-kumpanija appellanti ma tistax tippretendi li din il-Qorti, xjenza proprja, tista' tiddipartixxi minn dak il-metodu li adotta l-perit tekniku nominat mill-ewwel Qorti.....**Kien l-obbligu preciz taghha li taghmel il-provi teknici necessarji...ghaliex meta taghmilhom...il-Qorti tkun f'posizzjoni li tipparaguna u taghzel.***"

Fuq vena simili, fis-sentenza fl-ismijiet **Paul Grech et vs Lawrence Grech et** deciza minn din il-Qorti diversament presjeduta fil-25 ta' Settembru 2003 intqal illi:

> "*...bil-ligi u b'harsien tal-massima dictum expertorum numquam transit in rem judicatam, il-Qorti mhix marbuta li tacetta l-konklużjonijiet tar-rapport tal-perit mahtur minnha kontra l-konvinciment taghha nfisha. Imma **l-fehmiet ta' perit mahtur minn qorti u maghmula f'rapport imressaq minnu m'humiex semplicement opinjonijiet iżda jikkostitwixxu prova ta' fatt, specjalment f'oqsma fejn il-hatra tkun dwar hwejjeg teknici. Fehmiet bhal dawk m'ghandhomx, l-aktar fejn parti ma tkunx irrikorriet ghall-hatra ta' periti addizzjonali, jigu mwarrba kif gieb u lahaq, sakemm ma***

> ***jkunx jidher soddisfacentement li tali fehmiet huma, fil-kumpless kollu tac-cirkostanzi, irragonevoli***."

F'dan il-kaz il-Qorti tqis illi l-konkluzjonijet tal-Perit Tekniku m'ghandhomx jigu skarati ghaliex m'hemmx ragunijiet validi sabiex isir dan. Dan tenut kont tal-fatt illi fix-xhieda tieghu, l-Inginier Scicluna, li kien l-Inginier li gie mahtur mis-socjeta ntimata sabiex johrog l-ispecifikazzjoni tal-appalt, **xehed illi l-intendiment qatt ma kien illi jinhaznu n-numru ta' karkassi li kienet qed tahzen is-socjeta ntimata, illi l-intendiment qatt ma kien li l-*cold room* tinzel ghal temperatura ta' *minus 18 degrees Celcius,* meta tkun mimlija b'karkassi shan ghaliex din kellha tinzel biss ghal temperatura tali li twaqqaf il-karkassi milli jintnu, u liema karkassi shan kellhom l-ewwel jitpoggew fi *blast freezer* biex jikshu qabel ma jitpoggew fil-*cold room.*** Jirrizulta mill-provi illi *blast freezer* ma kienitx qed tahdem u giet abbandunata.

Mill-provi ghalhekk jirrizulta illi fil-fatt, is-socjeta rikorrenti ma naqsitx mill-obbligi li assumiet, u l-eccezzjoni fil-meritu tas-socjeta ntimata hija nfondata.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet kollha tas-socjeta ntimata, tilqa' t-talba tas-socjeta rikorrenti u konsegwentement tikkundanna lis-socjeta ntimata thallas lis-socjeta rikorrenti s-somma bilancjali ta' sbatax il-elf, mitejn u sittin ewro (€17,260), bl-imghax kummercjali mid-data tal-fattura sad-data tal-hlas effettiv.

Bl-ispejjez kollha kontra s-socjeta ntimata.

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**